Jessica Marie Stivala

Vs

Muscat Motors Ltd

CCT 39/23/CC

Illum 10 ta' Lulju, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fis-27 ta' Frar 2023, fejn talbet hlas ta' l-ammont ta' €5,000 (hamest elef ewro) rapprezentanti *in settlement of the loss of value* in segwitu ghal xiri ta' vettura Range Rover Evoque, liema vettura inxtrat minghand is-socjeta intimata fis-sena 2015, u sussegwentement allegatament zviluppat difett fil-funzjoni ta' 'Eco-Start-Stop'.

Ra li s-socjeta intimata Muscat Motors Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta, fejn fiha *inter alia* eccepiet l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal in vista ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta intimata ordna l-inverzjoni tal-provi, u gew allokati seduti ghal produzzjoni tal-provi tal-partijiet. Entrambi l-partijiet ipproducew xhieda viva voce u provi dokumentarji.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' u ha konjizzjoni tal-provi dokumentarji tal-partijiet.

Ra in-noti ta' sottomisjonijiet tal-partijiet ipprezentati fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal in vista ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta intimata, ser jaghddi sabiex jevalwa u janalizza l-provi avvanzati mill-partijiet b'referenza ghal din l-eccezzjoni.

Is-socjeta intimata qieghda teccepixxi l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistipula testwalment is-segwenti:

Il-bejjiegh ghandu jkun responsabbli lejn il-konsumatur ghal kwalunkwe nuqqas ta' konformita ezistenti mal-konsenja tal-oggetti u li jimmanifesta ruhu fi zmien sentejn minn dakinhar. (...)

It-Tribunal ser jikkwota testwalment ukoll is-subinciz (2) ta' l-istess Artikolu li jistipula s-segwenti:

Il-perjodu ta' sentejn imsemmi fis-subartikolu (1) ghandu jigi sospiz sakemm idumu ghaddejjin in-negozjati bejn il-bejjiegh u l-konsumatur bil-ghan li jintlahaq ftehim amikevoli.

Illi minn analizi tal-provi prodotti, jirrizulta li l-attrici xtrat il-vettura Range Rover Evoque fl-20 ta' April 2015, u kkonsenjata lilha fit-23 ta' April 2015. Fi Frar tas-sena 2016 l-attrici irrapurtat il-hsara u s-socjeta intimata irrimedjat il-hsara. Jirrizultaw li in segwitu tul is-snin, kien hemm diversi skambji bejn il-partijiet, b'dan li l-attrici tispjega wkoll li kien hemm trapass ta' zmien sakemm hija kienet tircievi risposta minghand is-socjeta intimata. Illi jirrizulta wkoll li kull darba li l-attrici avvanzat ilment mas-socjeta intimata, s-socjeta intimata dejjem offriet soluzzjoni.

Gara illi l-attrici inkarigat avukat ta' fiducja taghha li baghat ittra legali lis-socjeta intimata, liema ittra legali hija datata 3 ta' Lulju 2018. Sussegwentement inzammet laqgha mal-konsulent legali tas-socjeta intimata, liema laqgha saret fit-13 ta' Frar 2019.

L-iskambji bejn il-partijiet segwew u jirrizulta mill-provi prodotti mill-partijiet li s-socjeta intimata baghtet ittra legali lil attrici, liema ittra legali hija datata 16 ta' Frar 2022. Ma ntlahaqx ftehim bejn il-partijiet, u fis-27 ta' Frar 2023, l-attrici intavolat din il-procedura.

Illi t-Tribunal jinnota t-trapass taz-zmien waqt li kienu ghaddejjin l-iskambji bejn il-partijiet, liema skambji bdew fis-sena 2016 u baqghu ghaddejjin sas-sena 2022 - perjodu ta' sitt snin. Fil-mori ta' dawn l-iskambji, ghaddew diversi perjodi ta' xhur - fejn entrambi l-partijiet kienu inadempjenti. It-Tribunal jaghmel referenza ghas-subinciz (2) ta'l-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid testwalment li *Il-perjodu ta' sentejn imsemmi fis-subartikolu (1) ghandu jigi sospiz sakemm idumu ghaddejjin in-negozjati bejn il-bejjiegh u l-konsumatur...* Is-sospensjoni, a kuntrarju ta' interruzzjoni tesigi li l-perjodu li kien imwaqqaf jitkompla minn fejn twaqqaf meta t-trattavi kienu weqfin. Tenut kont ta' dan, it-Tribunal jaqbel ma' dak stabbilit fis-sentenza fl-ismijiet ***Stephen Galea vs Solar Engineering Limited*** *(Qorti ta' l-Appell 30 ta' Mejju 2017),* li jitrattata dan il-punt.

It-Tribunal jirreferi ghas-sommarju ta' dati rilevanti ipprezentat fin-nota ta' sottomisjonijiet tas-socjeta intimata, fejn kjarament gie ipprezentat it-trapass ta' zmien li jezorbita il-perjodu ta' sentejn stabbilit fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi tenut kont tal-premess, it-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta intimata ai termini ta' l-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tigi akkolta, u ghalhekk it-Talba avvanzata mill-attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta intimata ai termini ta' l-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta u jiddikjara t-Talba avvanzata mill-attrici preskritta ai termini ta' l-istess Artikolu.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-attrici.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru